StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2013

IS-SITT SENA MALTI (Is-Smigħ) ĦIN: 30 minuta

**Nota:**

**L-eżami kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. F'każ li d-diska kompatta ma taħdimx, l-għalliema huma mitluba jaqraw dan l-iskript.**

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA



www.StudentBounty.com

Merħba! Matul l-eżami tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzju fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn.

Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġna 2.

**[Waqfa ta' 5 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

**[Waqfa ta' 20 sekonda]**

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[Waqfa ta' 3 sekondi]**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta (L-ewwel darba)**

Kemm nieħu gost meta l-ġenituri tiegħi jistiednu lil xi membri tal-familja biex jiġu jieklu għandna. Dawn it-tip ta' ikliet ikunu spissi fid-dar tagħna. Daqqa jiġu n-nanniet tan-naħa t'ommi, daqqa jiġu n-nanniet tan-naħa ta' missieri u daqqiet oħra jiġu z-zijiet u l-kuġini. Ommi tinqala' ħafna biex issajjar u tħawwar platti mill-aktar delizzjużi. Dejjem b'xi riċetta ġdida. L-hena t'ommi hi li tara lil kulħadd jiekol għal qalbu. Kemm tħossha kburija meta l-mistednin jfaħħrulha xogħolha. Oħti l-kbira ma tieħu gost xejn b'dawn l-ikliet. Dejjem tgerger. Ħa ngħiduha kif inhi, xi ftit tar-raġun għandha wkoll. Ikliet ta' dan it-tip iġibu magħhom ħafna xogħol. Ta' spiss immorru nixtru l-ingredjenti li jkollha bżonn ommi mis-*supermarket.* Għalkemm it-tisjir kollu - mill-antipast sad-deżerta - ikun f'idejn ommi, lilna tkun tridna fil-kċina mhux biss biex intuha daqqa t'id imma wkoll biex nitgħallmu. Xogħol missieri hu biss li jarma l-mejda bil-pożati, srievet u tazzi. Il-ħasil tal-platti wara l-ikla xejn mhu divertenti. Rari jkun hemm xi voluntier mill-mistednin biex jgħin lili u lil oħti naħslu l-platti u meta jkun hemm in-Nanna Rita li tqum u tmidd idha, ommi tinsisti magħha li hija mistiedna. Dan l-aħħar smajt 'il ommi u 'l missieri jitkellmu li mħajrin jixtru *dishwasher*. Mhux li kien jaħasra! Jonqos ix-xogħol u ma nismax lil oħti teqred aktar.

**[Waqfa ta' 3 sekondi]**

**Issa se naqralek taħriġ A.**
Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (X) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

Oħt in-narratur tieħu gost meta jkun hemm il-membri tal-familja għall-ikel. Dan **MHUWIEX VERA**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **MHUWIEX VERA**.



www.StudentBounty.com

Issa naqralek il-bqija tas-sentenzi. Jekk trid, jew jekk taħseb li taf timmarka xi tweġiba minnhom, tista'. Imma għal dan, se nagħtik ċans wara wkoll.

**Numru wieħed.**
L-ikliet isiru dejjem kull nhar ta' Ħadd.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
In-narratur jgħid li oħtu għandha raġun tgerger.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
L-omm tkun tixtieq li t-tfal jibqgħu magħha fil-kċina waqt li hi tkun qed issajjar.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Il-missier jieħu ħsieb id-deżerta.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Il-ħasil tal-platti jsir min-Nanna Rita.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Issa li qrajtlek **Taħriġ A,** nistgħu ngħaddu għal **Taħriġ B.**

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

**Min ġeneralment ikunu l-mistednin għall-ikel?**
**(a) Il-ħbieb tat-tfal.**
**(b) Il-membri tal-familja.**
**(ċ) Il-ġirien.**
Issa, inti smajt li jkunu mistednin l-membri tal-familja. Mela t-tajba hija **b.**

Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll. Jekk trid, tista' tipprova twieġeb xi waħda minnhom, imma se nagħtik ċans wara wkoll.

**Numru wieħed.**
L-omm tħobb issajjar
(a) l-istess.
(b) ikel Ċiniż.
(ċ) xi riċetta ġdida.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**



www.StudentBounty.com

**Numru tnejn.**
Il-frażi *''tħawwar platti mill-aktar delizzjużi''* tfisser:
(a) L-omm tħobb tuża l-ħwawar jaħarqu.
(b) L-omm tħobb issajjar platti mill-itjeb.
(ċ) L-omm tħobb tħawwad diversi ingredjenti.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
Il-frażi *''jiekol għal qalbu''* tfisser:
(a) Ma jiħux gost jiekol.
(b) Jieħu gost jiekol.
(ċ) Jitqażżeż jiekol mill-ikel.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Għaliex l-omm tħossha kburija?
(a) Għaliex ifaħħruha għall-ikel tajjeb li tkun ħejjiet.
(b) Għaliex it-tfal ikunu għenuha ssajjar.
(ċ) Għaliex il-mistednin jġibu l-ikel magħhom.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa.**
In-narratur jixtieq ...
(a) li l-ġenituri tiegħu jistiednu 'l ħbiebu d-dar.
(b) li oħtu tibda taħsel il-platti waħidha.
(ċ) li l-ġenituri jfittxu jixtru *dishwasher.*
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Wara li qrajtlek il-mistoqsijiet taż-żewġ taħriġiet, se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta (It-tieni darba)**

Kemm nieħu gost meta l-ġenituri tiegħi jistiednu lil xi membri tal-familja biex jiġu jieklu għandna. Dawn it-tip ta' ikliet ikunu spissi fid-dar tagħna. Daqqa jiġu n-nanniet tan-naħa t'ommi, daqqa jiġu n-nanniet tan-naħa ta' missieri u daqqiet oħra jiġu z-zijiet u l-kuġini. Ommi tinqala' ħafna biex issajjar u tħawwar platti mill-aktar delizzjużi. Dejjem b'xi riċetta ġdida. L-hena t'ommi hi li tara lil kulħadd jiekol għal qalbu. Kemm tħossha kburija meta l-mistednin jfaħħrulha xogħolha. Oħti l-kbira ma tieħu gost xejn b'dawn l-ikliet. Dejjem tgerger. Ħa ngħiduha kif inhi, xi ftit tar-raġun għandha wkoll. Ikliet ta' dan it-tip iġibu magħhom ħafna xogħol. Ta' spiss immorru nixtru l-ingredjenti li jkollha bżonn ommi mis-*supermarket.* Għalkemm it-tisjir kollu - mill-antipast sad-deżerta - ikun f'idejn ommi, lilna tkun tridna fil-kċina mhux biss biex intuha daqqa t'id imma wkoll biex nitgħallmu. Xogħol missieri hu biss li jarma l-mejda bil-pożati, srievet u tazzi. Il-ħasil tal-platti wara l-ikla xejn mhu divertenti. Rari jkun hemm xi voluntier mill-mistednin biex jgħin lili u lil oħti naħslu l-platti u meta jkun hemm in-Nanna Rita li tqum u tmidd idha, ommi tinsisti magħha li hija mistiedna. Dan l-aħħar smajt 'il ommi u 'l missieri jitkellmu li mħajrin jixtru *dishwasher*. Mhux li kien jaħasra! Jonqos ix-xogħol u ma nismax lil oħti teqred aktar.



www.StudentBounty.com

**[Waqfa ta' 3 sekondi]**

Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u għall-aħħar darba.

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (X) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

Oħt in-narratur tiegħu gost meta jkun hemm il-membri tal-familja għall-ikel. Dan **MHUWIEX VERA**. Għalhekk fil-kaxxa jien għamilt sinjal taħt **MHUWIEX VERA**.

Issa naqralek il-bqija tas-sentenzi.

**Numru wieħed.**
L-ikliet isiru dejjem kull nhar ta' Ħadd.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
In-narratur jgħid li oħtu għandha raġun tgerger.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
L-omm tkun tixtieq li t-tfal jibqgħu magħha fil-kċina waqt li hi tkun qed issajjar.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Il-missier jiegħu ħsieb id-deżerta.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Il-ħasil tal-platti jsir min-Nanna Rita.
Vera, mhux vera, jew ma ssemmietx?
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Issa li qrajtlek **Taħriġ A,** nistgħu ngħaddu għal **Taħriġ B.** Se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

**Min ġeneralment ikunu l-mistednin għall-ikel?**
**(a) Il-ħbieb tat-tfal.**
**(b) Il-membri tal-familja.**
**(ċ) Il-ġirien.**



www.StudentBounty.com

Issa, inti smajt li jkunu mistednin l-membri tal-familja. Mela t-tajba hija **b**
Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll.

**Numru wieħed.**
L-omm tħobb issajjar
(a) l-istess.
(b) ikel Ċiniż.
(ċ) xi riċetta ġdida.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn.**
Il-frażi *''tħawwar platti mill-aktar delizzjużi''* tfisser:
(a) L-omm tħobb tuża l-ħwawar jaħarqu.
(b) L-omm tħobb issajjar platti mill-itjeb.
(ċ) L-omm tħobb tħawwad diversi ingredjenti.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta.**
Il-frażi *''jiekol għal qalbu''* tfisser:
(a) Ma jiħux gost jiekol.
(b) Jieħu gost jiekol.
(ċ) Jitqażżeż jiekol mill-ikel.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa.**
Għaliex l-omm tħossha kburija?
(a) Għaliex ifaħħruha għall-ikel tajjeb li tkun ħejjiet.
(b) Għaliex it-tfal ikunu għenuha ssajjar.
(ċ) Għaliex il-mistednin jġibu l-ikel magħhom.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa.**
In-narratur jixtieq ...
(a) li l-ġenituri tiegħu jistiednu 'l ħbiebu d-dar.
(b) li oħtu tibda taħsel il-platti waħidha.
(ċ) li l-ġenituri jfittxu jixtru *dishwasher.*
**[waqfa ta' 10 sekondi għal min għadu qed jikteb]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tat-tieni silta.

Issa għandek minuta biex tiċċekkja taħriġ A u taħriġ B.

Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.

Issa se naqralek it-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.



www.StudentBounty.com

**Il-Qari tat-Tieni Silta (L-ewwel darba)**

Tajjeb. Mela issa se nibdew **it-Tieni Silta**.

Anna hija t-tifla tat-Tabib Vassallo li minħabba li missierha qiegħed ikompli jispeċjalizza fil-mediċina, kellha ssiefer mal-familja lejn l-Ingilterra. Anna ilha xahar tgħix Londra. Li se naqralkom hija *e-mail* li bagħtet lill-ħabiba tal-qalb tagħha Sandra.

Għażiża Sandra,

Ma tistax timmaġina kemm-il darba naħseb fik u fil-ħbieb kollha li kelli l-iskola speċjalment f'Susan u f'Tanya.

Għall-ewwel kelli qalbi sewda ħafna u mhux l-ewwel darba li qabżitli xi demgħa. Issa ninsab ħafna aħjar. Żewġ studenti taz-zokkor, Lynn u Therese qed jgħinuni nsib saqajja fl-iskola l-ġdida. Kont naħseb li l-iskola f'Ħal Brimba hija kbira imma ħdejn il-Kulleġġ li fih qed nattendi, l-iskola hija nemla. Il-lejla omm Therese ġejja għalija biex immorru nixtru xi ħwejjeġ minn kumpless kbir u modern u wara se teħodna festin ta' kuġina ta' Therese li se tagħlaq tlettax-il sena.

Illum ferħana naqra aktar mis-soltu. Għamilna test fil-Matematika u ġibt ħamsa u sittin fil-mija. Taf li għalija marka bħal din hija suċċess enormi. Taf x'irrid ngħid!

Issa se nħallik. Għada ngħidlek dwar il-ħwejjeġ li xtrajt u dwar il-festin.

Tislijiet,
Anna.

Issa tista' ddawwar il-paġna fejn hemm il-mistoqsijiet tat-Tieni Silta, ħalli tara x'se nistaqsik.

Ħalli nibdew minn **Taħriġ A.**

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

**Missier Anna huwa**
**(a) avukat.**
**(b) spiżjar.**
**(ċ) tabib.**

Issa, inti smajt li missier Anna huwa tabib. Mela t-tajba hija **ċ.** Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll. Jekk trid, tista' tipprova xi waħda minnhom, imma se nagħtik ċans wara wkoll.



www.StudentBounty.com

**Numru wieħed**
Anna ilha tgħix Londra
(a) ġimgħa
(b) xahar
(ċ) sena
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
Xi trid tfisser Anna meta tgħid *''żewġ studenti taz-zokkor''*?
(a) Trid tfisser li jħobbu jieklu l-ħelu.
(b) Trid tfisser li ma tistax tmisshom għax idubu.
(ċ) Trid tfisser li qalbhom tajba u ġentili.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
*''Qed jgħinuni nsib saqajja''* tfisser:
(a) Qed jgħallmuni nimxi.
(b) Qed jgħinuni nidra l-ambjent ta' skola ġdida.
(ċ) Qed jgħallmuni l-passi ta' żifna ġdida.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
''Ma' min ħierġa Anna l-lejla?''
(a) Ma' Lynn u m'omm Lynn.
(b) M'ommha u mal-ħbieb.
(ċ) Ma' Therese u m'omm Therese.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
X'għandha f'moħħha Anna li tixtri mill-kumpless?
(a) Ħwejjeġ.
(b) Żraben.
(ċ) Affarijiet tal-iskola.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta**
Għaliex Anna kienet ferħana?
(a) Għax sejra tixtri l-ħwejjeġ.
(b) Għax sejra l-festin.
(ċ) Għax marret tajjeb fit-test tal-Matematika.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

Ikteb it-tweġiba issa, u wara se nerġa' nagħtik ftit ħin ukoll.



www.StudentBounty.com

Ejja nisimgħu:

**L-ewwel mistoqsija**
X'inhu kunjom Anna?
**[waqfa ta' 10 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
F'liema raħal kienet l-iskola li fiha kienet tattendi Anna?
**[waqfa ta' 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
Kemm se tagħlaq il-kuġina ta' Therese?
**[waqfa ta' 10 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
X'marka ġabet Anna fil-Matematika?
**[waqfa ta' 20 sekonda għal min għadu jikteb]**

Issa se nerġa' naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.
Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**Qari tat-Tieni Silta (It-tieni darba)**

Anna hija t-tifla tat-Tabib Vassallo li minħabba li missierha qiegħed ikompli jispeċjalizza fil-mediċina, kellha ssiefer mal-familja lejn l-Ingilterra. Anna ilha xahar tgħix Londra. Li se naqralkom hija *e-mail* li bagħtet lill-ħabiba tal-qalb tagħha Sandra.

Għażiża Sandra,

Ma tistax timmaġina kemm-il darba naħseb fik u fil-ħbieb kollha li kelli l-iskola speċjalment f'Susan u f'Tanya.

Għall-ewwel kelli qalbi sewda ħafna u mhux l-ewwel darba li qabżitli xi demgħa. Issa ninsab ħafna aħjar. Żewġ studenti taz-zokkor, Lynn u Therese qed jgħinuni nsib saqajja fl-iskola l-ġdida. Kont naħseb li l-iskola f'Ħal Brimba hija kbira imma ħdejn il-Kulleġġ li fih qed nattendi, l-iskola hija nemla. Il-lejla omm Therese ġejja għalija biex immorru nixtru xi ħwejjeġ minn kumpless kbir u modern u wara se teħodna festin ta' kuġina ta' Therese li se tagħlaq tlettax-il sena.

Illum ferħana naqra aktar mis-soltu. Għamilna test fil-Matematika u ġibt ħamsa u sittin fil-mija. Taf li għalija marka bħal din hija suċċess enormi. Taf x'irrid ngħid!

Issa se nħallik. Għada ngħidlek dwar il-ħwejjeġ li xtrajt u dwar il-festin.

Tislijiet,
Anna.

Issa se naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.



www.StudentBounty.com

F’dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

**Missier Anna huwa**
**(a) avukat.**
**(b) spiżjar.**
**(ċ) tabib.**

Issa, inti smajt li missier Anna huwa tabib. Mela t-tajba hija **ċ.** Ejja naraw is-sentenzi l-oħrajn ukoll u tista’ tibda taħdimhom.

**Numru wieħed**
Anna ilha tgħix Londra
(a) ġimgħa
(b) xahar
(ċ) sena
**[waqfa ta’ 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
Xi trid tfisser Anna met tgħid *‘‘żewġ studenti taz-zokkor’’*?
(a) Trid tfisser li jħobbu jieklu l-ħelu.
(b) Trid tfisser li ma tistax tmisshom għax idubu.
(ċ) Trid tfisser li qalbhom tajba u ġentili.
**[waqfa ta’ 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
*‘‘Qed jgħinuni nsib saqajja’’* tfisser:
(a) Qed jgħallmuni nimxi.
(b) Qed jgħinuni nidra l-ambjent ta’ skola ġdida.
(ċ) Qed jgħallmuni l-passi ta’ żifna ġdida.
**[waqfa ta’ 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
‘‘Ma’ min ħierġa Anna l-lejla?’’
(a) Ma’ Lynn u m’omm Lynn.
(b) M’ommha u mal-ħbieb.
(ċ) Ma’ Therese u m’omm Therese.
**[waqfa ta’ 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
X’għandha f’moħħha Anna li tixtri mill-kumpless?
(a) Ħwejjeġ.
(b) Żraben.
(ċ) Affarijiet tal-iskola.
**[waqfa ta’ 3 sekondi]**



www.StudentBounty.com

**Numru sitta**
Għaliex Anna kienet ferħana?
(a) Għax sejra tixtri l-ħwejjeġ.
(b) Għax sejra l-festin.
(ċ) Għax marret tajjeb fit-test tal-Matematika.
**[waqfa ta' 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

Ejja nisimgħu:

**L-ewwel mistoqsija**
X'inhu kunjom Anna?
**[waqfa ta' 10 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
F'liema raħal kienet l-iskola li fiha kienet tattendi Anna?
**[waqfa ta' 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
Kemm se tagħlaq il-kuġina ta' Therese?
**[waqfa ta' 10 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
X'marka ġabet Anna fil-Matematika?
**[waqfa ta' 20 sekonda għal min għadu jikteb**

Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.

Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.

Saħħa tfal!



www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com